**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 4448/2024**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Mario Zammit**

**<u>Illum, 24 t' April 2025</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Mario Zammit** detenur tal-karta tal-identita Maltija 0026655M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl- 24 ta' Ottubru 2023, ghal-habta ta' 13.50hrs, fl-inhawi tal-Munxar Marsaskla:

1. kkacjajt, jew ippruvajt tikkacja, hadt jew ippruvajt tiehu xi ghasfur protett taht dawn ir- regolamenti jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenza li tinaghat bi ksur ta' regolament 4(1) (a) ta' L.S. 549.42(1);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kont fil-pussess jew kellek fil-kontroll tieghek jew zammejt kampjun ta' ghasafar, kemm hajjin kif ukoll mejtin, jew parti li tista' tingharaf jew derettivi ta' xi ghasfur li mhux inkluz fl-

iskeda II (uhud minnhom imnizzlin fi Skeda 1), meta dawk l-ghasafar, ma gewx dikjarati mal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jew il-precessur taghha sal-31 ta' Mejju 2003, u minghajr ma kont fil-pussess ta' permessi jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ta' Malta dwar l- Ambjent u l-Ippjanar, jew il-precedessur taghha jew mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ghaz-zamma ta' dak l-ghasfur skond id-disposizzjonijiet tar- regolament 21; jew kienu gew importati legalment skond id-dispozzizjonijiet tar- regolament 6(1) (e) jew 6 (1)(b), jew kienu gew mehuda fi Stat Membru fejn il-kacca jew it- tehid taghhom saret skond il-ligi jew b' xi mod iehor akkwistati b' mod legali skond id-Direttiva 2009/147/KE tal-UE, jew imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' L.S. 549.42.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzajt ghasafar bhata tahrik u ghajjat li ma kienux imlibbsa curkett li jintuza darba li kien mahrug mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi li ghandu l-Kodici R16U, u jew mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti) mlibbsa curkett maghluq u jew bughla u, jew ibridi, bi ksur ta' kundizzjoni 20 tal-licenzja specjali għar-ricerka fuq is-seba' speci tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa 2023 u regolament 12(k) tal' L.S 549.145;

4. U aktar talli fl-istess, data, lok, u cirkostanzi ghamilt uzu minn aktar minn zewg (2) mnasab minn dura wahda bi ksur tal-Kundizzjoni 12 tal-Licenzja Specjali ghall-insib ghall-ghasafar tal-ghana hekk kif mitlub minn Regolament 12(e) ta' L.S. 549.145 u dan bi ksur tat-tielet proviso ta' Reg. 8(2) u Reg. 12(1) ta' L.S. 549.42.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insabt fuq sit li ma giex registrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, bi ksur ta' Kundizzjoni 11 tal-licenzja specjali ghar-ricerka fuq is-seba' speci tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa tal-2023 u bi ksur ta' Regolament 12(d) ta' L.S. 549.145 u bi ksur tat-tieni proviso ta' Reg. 8(2) ta' L.S. 549.42

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(3) ta' l-A.L. 79 ta' l- 2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolamenti ta'1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Ottubru,2024, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu jhallas multa ta' elf u mitejn Ewro (Ewro 1,200) li jistghu jithallsu b' rati mensili u konsekuttivi ta' Ewro 35 fix-xahar, ikkonfiskat il-corpus delicit u ordnat is- sospensjoni ta' licenzja relevanti ai termini tal-A.L. 79 ta' 2006 kif emendat ai termini tar- Regolament 27(3) tal-A.L. 79 tal-2006 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Zammit, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Ottubru,2024 , fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u tilliberah minn kuil htija u piena.

- B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall- kaz in kwistjoni billi tirriduci (-multa u /jew tirriduci s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess relevanti mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

**L-EWWEL Aggravju Affidavits ta' PS 541 Fava, PC 1268 Mallia Schieda u PC 1347 Luca Galea, li jisabu fl-atti processwali.**

Illi kif inghad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Mary Debono</u>** deciza fid- 19 ta' Novembru 1960 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef W. Harding:

> *'Ma jistghax ikun hemm dubbju li l-gurament hu haga serja hafna......imma fil-kaz ta' amministrazzjoni ta' gurament mhux f' Qorti ta' Gustizzja, dawn il-fatturi rassikurattivi jistguu jonqsu, u kien ghalhekk li l-legislatur, gustament preokkupat li min jaghti l-gurament, minn naha wahda, ghandu juri r-rispett dovut ghas-solennita' tal-att, u min jiehu l-gurament, minn naha ohra, jifhem tajjeb il-konsegwenzi ta' gurament falz, impona lill-funzjonarju li f'kull kaz jagħmel din it-twissija.'*

IIII-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikoli relevanti in materja jaqraw:

> *3.(1) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien, b'warrant iffirmat minnu, jahtar persuni, li jkunu uffiċjali pubbliċi, impjegati pubbliċi avukati jew prokuraturi legali, bhala Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu gurament, u jista'f'kull żmien ihassar kull hatra bhal dik.*
>
> *(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' wkoll, minn żmien għal żmien, jahtar persuni, ikunu jew ma jkunux uffiċjali pubbliċi, li jkunu qed jaqdu funzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mas-servizz barrani tal-Gvern f'xi pajjiż barra minn Malta, biex ikunu Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu ġurament f'dak il-pajjiż, u jista' f'kull żmien ihassar kull hatra bhal dik.*

*(3) Il-ħatra ta' uffiċjal pubbliku jew impjegat pubbliku bħala Kummissjunarj u b'setgħa li jagħti ġurament u kull ħatra taħt is-subartikolu (2) jistgħu jkunu jew persunali jew bl-isem tal-kariga jew tal-funzjonijiet moqdija minn dik il-persuna hekk maħtura.*

*(4) Kull ħatra magħmula taħt dan l-artikolu għandha tiġi ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern, u kull ħatra bħal dik magħmula wara l-1 ta' Jannar, 1980 għandu jkollha effett biss mid-data ta' dik il-pubblikazzjoni.*

………………………

*6.(1) L-Avukat Ġenerali, id-Deputat Avukat Ġenerali u dawk l-uffiċjali l-oħra tal- Avukat Ġenerali skont ma l-istess Avukat Ġenerali jista' minn żmien għal żmien jinnomina b'avviż fil-Gazzetta, kif ukoll il-Maġistrati u n-nutara, għandhom ex officio jkunu Kummissjunarji għall-Ġuramenti....*

*Mela dawn l-ufficjali biss huma ex-officio persuni li meta jkunu fil-kariga jistghu jaghtu il- guramenti.*

………………………

*7. Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:*

**Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jigi mehud gurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-gurament ikun ġie mehudu li l-gurament gie mehud bil-mezzi elettroniċi.**

Jekk wiehed jezamina tajjeb l-affidavits li gew prezentati fil-mori tal-kawza mill-prosekuzzjoni għandu jirrizulta is-segwenti:

Affidavit ta' PC 541 L. Fava, suppost igguramentat minn certa PS 2335 R. Chetcuti fil-lok E.P.U. Il-lok E.P.U. mhux lok identifikabbli bhal ma hu identifikablli per ezempju Floriana Police Headquarters, dunque l-affidavit de quo ma jlahhaqax il-vot tal-ligi u kellu jigi skartat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Affidavit ta' PC 1347 Luca Galea, suppost igguramantat minn certa PS 2330 Anne Marie Vella. F'dan l-affidavit il-lok MHUX imnizzel, dunque l-affidavit de quo ma jlahhaqax il- vot tal-ligi u kellu jigi skartat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Affidavit ta' PC 1268 Leon John Mallia Schieda, suppost igguramentat mill-Ispettur Eliott Magro fejn ghal darb' ohra il-lok MHUX imnizzel, dunque l-affidavit de quo ma jlahhaqax il-vot tal-ligi u kellu jigi skartat mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Aktar minn hekk ma hemmx prova fl-atti li l-Ispettur Eliott Magro, PS 2335 R. Chetcuti, barra li mhix persuna identifikabbli in linea mal- Kap 79 ghax l-anqas isimha ma' hemm imnizzel, u PS 2330 Anne Marie Vella, **kienu ufficjal bis-seta li jaghtu il-guramenti indikati fl-affidavits! Din il-prova hija kompletemant nieqsa** u dan in linea ma' dak li intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta fl- 24 ta' Gunju 1998 per Onorevoli Vincent DeGaetano fil-kazwza **<u>Il-Pulizija vs Vincent Grima et</u>**.

**Fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni ta' ligi li tippovdi li persuna partikolari- jew persuna li tokkupa xi kariga partikolari - ghandha is-setgha, din is-setagha tinghata permezz ta' warrant mahrug taht l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar Kummissarji b' Setgha li Jaghtu Gurament (Kap 79). Dan il-warrant ma jammontax ghal ligi izda huwa biss fakulta' moghtija lil persuna partikolari li tamministra l-gurament; <u>u ghalhekk trid issir il- prova ta' din il-fakolta' hekk moghtija</u>. Fil-kaz in dizamina tali prova ma saritx.**

Ghaldaqstant, l-Ewwel Onorabbli Qorti minhabba in-nuqqasijiet lampanti fl-affidavits ta' PC 541 L. Fava, PC 1347 Luca Galea u PC 1268 Mallia Schieda, kellha konsegewnti ghalhekk tiskartahhom u kieku ghamlet hekk allura l-appellant kellu jigi liberat minn kull akkuza u htija ghax il-provi iserhu biss fuq ix-xhieda ta' tali pulizija.

**It-TIENI Aggravju- Akkuzi numru 2 u 3.**

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti ghandu jinghad li ma hemm xejn fil-ligi ti wiehed ma jistax ilibbes curkett fuq ghasfur li jkollu il-marki tad-WBRU. Ma' hemm xejn fil-ligi principali L.S. 549.42 li jsemmi li hu ipprojbijt li jkollok ghasfur, captive bread, u tlibbsu curkett bl-inizjali tad-WBRU.

Ma hemm xejn fl-atti lanqas li jurul li dawk iz-zewg EKRI li sabu il-pulizija fuq il-mansab tal-appellant la kienu ibridi, la kienu bghula u lanqas mutazzjonijiet tal-kulur (varjanti). Tali prova kienet tispetta lill-prosekuzzjoni u b' mod specifiku lir-rapprezenatat mit- Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi (WBRU).

Ghaldaqstant, ladarba ma hemm xejn fil-ligi li persuna tlibbes curkett bil-kodici 'R16U' u la mhix ppruvat li iz-zewg Ekri ma kienux varjanti jew ibridi jew bghula sal-grad rikjest mill- ligi penali hu jemmen li kellu jigi liberat minn dawn iz-zewg akkuzi.

**It-TIELET Aggravju- Akkuzi numru 4 u 5.**

Dawn l-akkuzi jirrigwardaw ix-xbieki zghar li instabu taht sigra taz-zebbug metri 'l boghod mill-mansab principali tanti li ma kienx jidher.

L-appellant jissottometti li ma giex ipprivat li dak li l-pulizija qed isejhulu mansab kien qed jintuza fl- 24 ta' Ottubru 2023 ghall-habta ta' 13.50 hrs. Ma jirrizultax ukoll mill- affidavits li l-appellant b' xi mod ammetta li l-mansab iz-zghir kien tieghu u li kien qed jaghmel uzu minnu hu fid-data u hin indikati fic-citazzjoni. Ma kienx hemm

ghasafar imdawwrin mieghu u ghalhekk ma keliux I-elementi kollha necessarji biex wished seta' b xi mod jattira l-ghasafar.

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen li hu kellu ukoll jigi liberat mill-akkuzi numru erba' u hamsa.

**Ir-RABA' Aggravju-Piena.**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess fl-aggravji l-ohra ghandu jinghad dan fir-rigward tal-piena imposta.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sospensjoni tal-licenzja ta' tlett snin ghaikemm fil-parametri tal-ligi mhix in linea ma' dak li solitu jinghataw mill-Qrati inferjuri kif ukoll konfermati minn dawn il-Qrati tal-Appell u allura l-appellant umilment jixtieq jissottometti li jekk l-aggravji l-ohra ma' jigux milqugha u minghajr pregudizzju ghall-istess kellu jinghata is-sospensjoni tal-licenzja fil-minimu taghha u dan jghodd ukoll ghal multa inflitta. L-appellant jixtieq ifakkar li hu diga' gle imcahhad milli jonsob fis-sena 2023 u dan ghaliex l-istagun fetah fl-20 ta' Ottubru 2023 u tlett ijiem u nofs wara ittiehditlu il-licenzja specjali in konnessjoni ma' dan il-kaz in vista' tal-investigazzjonijiet hawn fuq elenkati. B' hekk jekk dan l-aggravju ma jitlaqax il-kastig effettiv in relazzjoni mas-sospensjoni tal-licenzja ser ikun ta' 4 snin.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-18 ta’ Marzu, 2025.

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant Mario Zammit.

Semghet il-partijiet jaghmlu is-sottomisjonijiet taghhom.

**Ikkunsidrat**,

Illi permezz **<u>tal-ewwel aggravju</u>** tieghu l-appellant qed jikkontesta l-affidavits ta' **PS 541 Fava, PC 1268 Mallia Schieda** u **PC 1347 Luca Galea**. Huwa qed isostni illi fl-affidavits at' PC 1268 u PC 1347 m'hemmx imnizzel il-lok u ghalhekk dawn l-istess affidavits ma jlahhqux il-vot tal-ligi, u ghandhom jigu skartati. Illi fir-rigward tal-affidavit ta' PC 541, bhala lok hemm imnizzel 'EPU Registry' li fil-fhema tieghu jghid li mhux lok identifikabbli. In oltre, l-appellant isostni illi PS 2335 R. Chetcuti, li amministrat il-gurament fuq l-affidavit ta' PC 541 L. Fava, mhix persuna identifikabbli peress li isimha mhux imnizzel fis-shih. Sussegwentament l-appellant jghid ukoll illi fir-rigward ta' dawk li amministraw il-gurament ma hemmx prova fl-atti li dawn kienu ufficjali li setghu jaghtu guramenti indikati fl-affidavits.

Illi minghajr telf ta'zmien din il-Qorti tghid illi huwa minnu li fl-affidavits ta' PC 1268 Leon John Mallia Schieda u PC 1347 Luca Galea ma hemmx indikat il-lok fejn il-Kummissjunarji amministraw il-gurament. Il-ligi f'dan ir-rigward hija cara, infatti l-Artikolu 7 tal-Kap 79 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> *'7. Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza* ***<u>għandu</u>*** *jiddikjara sewwa fil-jurat jew fl-attestat* ***<u>il-lok u d-data</u>*** *li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:'*

Il-ligi sucitata tispecifika illi Kummissjunarju **'<u>ghandu</u>[1]'** jnizzel kemm id-data u anke l-lok fejn ikun gie amministrat il-gurament. Din ghalhekk mhux xi haga fakultattiva izda tassativa u tohrog mill-ligi. Ghaldaqstant ghandu ragun l-appellant fir-rigward tat-talba ghall-isfilz tal-affidavits ta' PC 1268 u PC 1347 ghaliex il-vot tal-ligi ma giex milhuq.

[1] Enfazi ta din l Onorabbli Qorti

Madankollu, mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-affidavit ta' PC 541 L. Fava. F'dan l-affidavit, meta gie amministrat il-gurament, il-lok gie mnizzel bhala 'E.P.U. Registry'. Skont l-appellant l-E.P.U. mhux lok identifikabbli, izda din il-Qorti ma taqbilx ma din il-prassi. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toussaint Azzopardi**[2] fejn dan il-preciz aggravju wkoll kien gie mqajjem mill-appellant Azzopardi:

> *' Illi f'dan il-kaz pero kuntrarjament ghal dak li sehh fis-sentenza appena citata l-pulizija ma naqsux jindikaw l-lok fejn ittihed il-gurament u dan ghaliex hemm isem il-pulizija, in-numru tas-servizz tieghu, id-data tal-gurament u cioe l-14 ta' Marzu 2024* ***u bhala lok hemm indikat E.P.U registry u ghalhekk dan ifisser li l-gurament gie mehud fir-registru tal-'Environmental Protection Unit'. Kif tajjeb inghad mill-ewwel qorti u dan ghaliex din l-eccezzjoni giet ukoll sollevata quddiemha li dan hu ufficcju statali u pubbliku u ghalhekk l-indikazzjoni moghtija hija sufficjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollomx dubbju ragonevoli dwar fejn ittiehed il-gurament****. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint fl-intier tieghu.'*

Fil-kaz tal-affidavit ta' PC 541 L. Fava, kif gie ritenut *supra,* bhala lok hemm imnizzel E.P.U. Registry, li huwa ufficju statali u pubbliku tal-*Environment Protection Unit* fi hdan il-Korp tal-Pulizija, u ghalhekk huwa lok identifikabbli u sufficjenti.

Ir-rikorrent Zammit jtenni ukoll li PS 2335 R. Chetcuti, li amministrat il-gurament fuq l-affidavit ta' PC 541 L. Fava, mhix persuna identifikabbli in linea mal-Kap 79 ghaliex isimha mhux imnizzel. In oltre, jghid ukoll illi fl-atti ma hemm l-ebda prova li l-Kummissjunarji li amministraw il-gurament fuq l-affidavits kienu ufficjali bis-seta' li jaghtu l-guramenti indikati. L-appellant fir-rikors tieghu ghamel ukoll referenza ghas-

[2] Deciza nhar il-21 ta' Novembru, 2024.

sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Grima et**[3] fejn wiehed mill-appellanti kien ressaq aggravju li ma giex pruvat ir-reat ta' gurament falz ghax ma giex ippruvat li gie amministrat lilu l-gurament minn persuna li kienet awtorizzata skond il-ligi li taghmel hekk. F'dan il-kaz il-Qorti kienet ikkonkludiet illi kellha issir din il-prova ta' din il-fakolta' hekk moghtija. Madankollu, fil-fhema ta' din il-Qorti, dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-fattispecje tal-kaz odjern. Kull kaz ghandu jigi mistharreg ghalih u din il-Qorti tfakkar ukoll li l-Qrati Maltin mhux marbuta mar-regola tal-precedent.

PS 2335 R. Chetcuti hija facilment identifikabbli, minkejja li huwa minnu li jkun iktar disederabbli li jitnizzel l-isem shih tal-Kummisjunarju li jkun qed jamminstra gurament. In oltre, l-appellant ma kellu xejn x'jimpedih milli jinvoka s-setgha li jaghtih l-Artikolu 360A tal-Kodici Kriminali sabiex iharrek lil persuna li tkun ghamlet l-affidavit u jtellghaha tixhed in kontro-ezami. Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madankollu l-appellant dejjem seta' jitlob differiment sabiex dan isir. Ghalhekk l-affidavit ta' PC 541 Liam Fava huwa prova tal-kontenut tieghu u ghalhekk ammissibbli skont il-ligi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qedgha takkolji dan l-aggravju *in parte* u dan peress li qed tordna l-isfilz tal-affidavits ta' PC 1268 Leon John Mallia Schieda u PC 1347 Luca Galea. In oltre, tichad il-kumplament tal-istess aggravju u dan fejn l-appellant qieghed jitlob ukoll l-isfilz tal-affidavit ta' PS 541 Liam Fava.

**<u>It-tieni aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja it-tieni u t-tielet akkuzi deddoti kontrih u cioe' li kellu fil-pussess tieghu ekri meta dan ma kellux il-permessi u/jew ma kienx awtorizzat li jaghmel dan u wkoll li wzahom bhala ghasafar ghat-tahrik u ghajjat li ma kienux imlibbsa curkett li jintuza darba li kien mahrug mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi li ghandu l-Kodici R16U.

L-appellant jargumenta illi ma hemm xejn fil-ligi li jsemmi li hu pprojbit li ikollok ghasfur, *captive breed* u tlibbsu curkett bl-inizjali WRBU. Jargumenta wkoll li ma tezisti

[3] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-24 ta' Gunju, 1998.

l-ebda prova li turi li l-ekri li sabu l-pulizija fuq il-mansab kienu inbridi, bghula jew b'mutazzjonijiet tal-kulur.

Ix-xhud **Nicholas Grech** ghan-nom tal-WBRU xehed nhar l-14 ta' Gunju, 2024 fejn spjega kif kienu rcivew zewg ekri b'curkett falz R16U li ma kienx inghata minn WRBU. Ic-crieket kienu ghal kollox differenti minn dawk tal-WRBU. Din il-Qorti tghid illi l-grad tal-prova li trid tressaq il-prosekuzzjoni hija dik 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u mhux xi certezza assoluta. Li ried jigi ppruvat f'dan ir-rigward huwa li l-appellant instab fil-pussess ta' dawn l-ekri u li wzahom bhala ghasafar ghat-tahrik u ghajjat li ma kienux imlibbsa curkett skont il-ligi. Din il-Qorti fliet l-atti u jidrilha li l-prosekuzzjoni ressqet il-provi sufficjenti sabiex l-appellant jinstab hati fir-rigward tat-tieni u t-tielet akkuzi. Ghaldaqstant it-tieni aggravju tal-appellant qieghed jigi respint.

<u>**It-tielet aggravju**</u> tal-appellant jirrigwardja ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet li gew migjuba kontra tieghu u cioe' li ghamel uzu minn aktar minn zewg imnasab minn dura wahda u li nstab fuq sit li ma giex registrat u approvat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.

L-appellant jargumenta illi ma giex ippruvat li dak li l-pulizija qed isejhulu mansab kien qed jintuza fl-24 ta' Ottubru, 2023 ghall-habta ta' 13.50 hrs. Jsostni li mill-affidavits l-appellant ma ammettiex li l-mansab iz-zghir kien tieghu u li kien qed jaghmel uzu minnu hu fid-data u l-hin indikati fic-citazzjoni. Lanqas ma kien hemm ghasafar imdawwrin mieghu u ghalhekk ma kellux l-elementi kollha necessarji biex wiehed seta' b'xi mod jattira ghasafar.

Illi skond l-affidavit ta' PC 541 L. Fava jirrizulta illi meta marru fuq l-appellant waqt ronda ta' spezzjoni, l-ewwel hasbu li kellu kollox regolat, izda mill-attitudni stess tal-appellant beda jaghti x'jifhem li kellu xi haga hazin. Jghid li nnota f'ghalqa ta' hdejh li kienet f'livell iktar baxx u kien hemm bosta sigar taz-zebbug, parti minn xibka zghira. Meta PC 541 staqsa lill-appellant jekk dan kienx mansab huwa wiegeb bil-

kelmiet "Uejja Sir Uejja Sir!'. Gie nnutat illi l-mansab kien mansab tal-ghana attiv u kien qed jigi operat mill-istess dura li kien qieghed fiha l-appellant meta saritlu l-ispezzjoni.

Jirrizulta wkoll li l-appellant kien qed jonsob minn sit irregistrat mill-WBRU, kif ukoll minn sit iehor li ma kienx. Mix-xhieda ta' Nicoholas Grech ghan-nom tal-WBRU johrog bic-car illi d-deroga li hija tar-ricerka ghall-ghasafar tal-ghana kienet permessa biss ghal sit wiehed, u allura mansab wiehed kien permess ghal din id-deroga jigifieri aktar minn mansab wiehed f'salt ghall-ghasafar tal-ghana mhux permess. Dan jirrizulta wkoll mill-kundizzjoni numru 12[4] tal-licenzja specjali ghar-ricerka fuq seba' speci tal-ghasafar tal-ghana fil-Harifa 2023.

In oltre, gew elevati wkoll zewgt ixbieki minn fuq zewg siti differenti. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fhema illi l-provi kollha huma univoci u qed jippuntaw f'direzzjoni wahda kontra l-appellant. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

**<u>Ir-raba' u l-ahhar aggravju</u>** jirrigwardja l-piena mposta mill-ewwel qorti. L-appellant jishaq li bhala sospensjoni ta' licenzja kellha tkun fil-minimu u mhux tlett snin, u l-istess ghandu jghodd ghall-multa nflitta.

Illi primarjament u kif gie ritenut diversi drabi, m'huwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia</u>**[5] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti*

[4] Fol. 42 tal-process.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2023.

*b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

L-appellant sahaq f'dan l-aggravju illi hu diga gie mcahhad milli jonsob fis-sena 2023 u dan stante l-istagun fetah fl-20 t' Ottubru, 2023 u tlett ijiem u nofs wara ittihditlu l-licenzja specjali in konnessjoni ma dan il-kaz. Ghalhekk huwa qed jargumenta li jekk dan l-aggravju ma jigix milqugh, il-kastig effetiv in relazzjoni mas-sospensjoni tal-licenzja ser ikun ta' erba' snin.

Din il-Qorti tghid illi meta l-appellant ittihditlu l-licenzja specjali, fil-bidu tal-istagun tal-2023 in konnessjoni ma dan l-istess kaz, dan sehh ghax il-pulizija ezercitaw il-poteri taghhom skont il-ligi sabiex jinvestigaw u jressqu lill-appellant quddiem il-Qorti. B'anologija, meta persuna jinzamm arrestat ghal jumejn u cioe' tmienja u erbghin (48) siegha skont il-ligi, imbghad sussegwentament jitressaq il-Qorti u eventwalment tinghata sentenza, jekk il-piena mposta tkun ta' sena prigunerija, mela hija ta' sena prigunerija. Issa jekk l-akkuzat johodha li huwa bhala kastig ghalih personali ha sena u jumejn, dik sta ghalih. Madankollu, l-piena finali xorta tibqa' dik ta' sena. Ghalhekk fil-fhema ta' din il-Qorti, l-argument tal-appellant f'dan ir-rigward ma jreggix u paraguni b'anologija ta dan it-tip huma odjuzi .

L-Ewwel Qorti mponiet piena li taqa' fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandu jkun hemm temprement fil-piena. Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tichad ukoll ir-raba' aggravju tal-appellant.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tilqa' in parte l-ewwel aggravju tal-appellant u dan stante li qed tilqa' t-talba tieghu ghall-isfilz tal-affidavits ta' PC 1268 Leon John Mallia Schieda u PC 1347 Luca Galea. Madankollu, qeghda tichad il-kumplament tal-istess aggravju u dan fejn l-appellant qieghed jitlob ukoll l-isfilz tal-affidavit ta' PS 541 Liam Fava. In oltre, tichad ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant Mario Zammit u ghalhekk qeghda tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti.

**Il-Qorti tordna li kopja ta din is-sentenza tigi mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igib il-kontenut ta l-istess a konjizzjoni tal-ufficcjali kummissarju li jaghtu l-gurament meta jigu mahufa dawn it-tip ta affidavits**

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**